# L-Akbar Poeta

*Sunett ta'* DUN KARM

Jekk l-Imħabba hija r-Ruħ tal-Poeżija,
Inti l-Akbar Poeta, o Ġesù tagħna:
Int ħloqtha, għax ħabbejt, il-Poeżija,
Int, Kelmet Alla, ta' bla tarf setgħana.

Tbissimt, u wieġbet l-ogħna Poeżija
Fil-għoli tas-smewwiet b'dijiet kotrana;
Ħarist, u daħket l-oħla Poeżija
Fuq Baħar u Art bil-lwien, bil-ħajja, bl-għana.

Tkellimt, u l-Bniedem, f'Ġenna ward u ħdura,
Bid-dawl tal-Fehma u l-Ħeġġa ta' l-Imħabba
Għarfek u tgħaxxaq b'dik il-Poeżija.

'Mma l-Għanja tiegħek ħadet l-isbaħ sura
Ta' Ġmiel ta' Safa li qatt għajb ma tabba'
Fix-Xebba tax-Xebbiet, Ommok Marija.

# L-Akbar Poeta

## IN-NISĠA TAS-SUNETT

(*Nota għaż-żgħażagħ*)

1. Alla hu MĦABBA.—Deus charitas est.
2. L-Imħabba titlob, trid lil min tħobb: minn hawn il-ħsieb tal-ħolqien ta' l-Anġli u tal-Bniedem li bl-intelliġenza tagħhom jistgħu jagħrfu 'l Alla u bl-Imħabba jwieġbu għall-Imħabba tiegħu.

3. Il-Ħajr ta' l-Imħabba huwa l-Ġmiel: għalhekk l-oġġett ta' l-Imħabba għandu jkun sabiħ, mhux biss fih innifsu, iżda wkoll fl-ilbies tiegħu, fis-sura tiegħu u fil-madwar. Minn hawn il-fehma t'Alla li joħloq il-Ġmiel tan-Natura biex din tkun il-għamara sabiħa tal-Bniedem, li fuq l-art hu l-oġġett ta' l-Imħabba t'Alla.

4. Issa dan il-Ġmiel, rabta u ħajr ta' żewġ Imħabbiet, hu l-POEŻIJA: l-Ordni, l-Armonija, iż-Żewq, il-Ħlewwa, f'kelma waħda l-Ġmiel tal-Ħolqien, hi l-poeżija reali, fiha nfisha. Il-poeżija li jfantas, jaħseb u jikteb il-bniedem ma hix ħlief turija żgħira tal-Ġmiel li ħalqet il-Kelma t'Alla, il-Verb Divin.

5. Issa jekk din il-Kelma t'Alla, il-Verb Divin, li sa minn dejjem kien jaf x'kellu jgħaddi mill-bniedem, jiġifieri l-waqgħa tiegħu fid-dnub u t-telfa tal-ħbiberija m'Alla, u kien jaf ukoll li Hu, il-Verb Divin, kellu jieħu s-sura tal-bniedem, biex bis-sagrifiċċju ta' l-Imħabba jifdi lill-bniedem mill-ħsarat tad-dnub, ma satax fil-Ħolqien kollu jaħseb u jtemm ħaġa isbaħ minn dik il-kreatura li kellha tkun l-OMM TIEGĦU.

6. Mela Ġesù, il-Kelma t'Alla magħmul bniedem, hu l-AKBAR POETA, għax Hu ħalaqha l-Poeżija, u l-Poeżija kollha kellha tinġabar u tiddi fl-Omm tiegħu MARIJA.

---

N.B. — Fis-sura artistika tas-Sunett dan il-ħsieb ridt nurih billi malkêlma Poeżija tirrima dejjem il-kelma Poeżija u fl-aħħar kollha kemm huma jinġabru u jaqblu ma' l-isem ta' MARIJA.